**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum, 11 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 681/2012 AF**

**Eugenio Bugeja**

**vs**

**Ronald Bugeja**

**Annalise Bugeja u**

**George u Emanuela konjugi Borg ghall-kull interess li jista' jkollhom, u skont digriet datat 9 ta' Jannar, 2014, giet imsejjha fil-kawza Mary Grace Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimati Ronald Bugeja u Annalise Bugeja huma ulied l-esponenti.

L-esponenti jinsab ghaddej minn proceduri ghal separazzjoni personali minn ma' martu, omm l-intimati Ronald u Annalise Bugeja, u dan wara illi huwa gie mkecci mid-dar fejn kienu joqghodu, u cioè mill-fond bl-indirizz 20, Desiderio, Flat 2, Triq il-Beribies, Zabbar.

Qabel ma marru joqghodu Haz-Zabbar, l-esponenti flimkien mal-familja tieghu kienu joqghodu z-Zejtun, izda dan il-post kien inbiegh mill-esponenti u martu permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat 15 ta' Dicembru, 2003. Dan il-post kien inxtara mill-esponenti u martu waqt iz-zwieg u ghalhekk kien jifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti, u kien sussegwentement inbiegh peress illi mart l-esponenti kienet tghidlu li kienet tixtieq tmur toqghod Haz-Zabbar.

Waqt il-mori tal-proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu, l-esponenti sar jaf illi l-intimati Ronald u Annalise Bugeja kienu dehru fuq il-kuntratt ta' bejgh tal-post ta' Haz-Zabbar ippublikat fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza datat 5 ta' Jannar, 2004, u li huma biex xtraw dan il-fond kienu uzaw il-flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti peress illi uzaw il-flus kollha rikavati mill-bejgh tal-fond taz-Zejtun u dan minghajr ma l-esponenti qatt xi darba ta' l-kunsens tieghu sabiex sehemu mir-rikavat tal-bejgh tal-fond taz-Zejtun jinghata lill-intimati.

Huwa car li l-intimati kienu dehru fuq dan il-kuntratt ta' xiri sabiex dan il-fond ma jkunx formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-esponenti u martu, u ghalhekk l-esponenti ikun gie mcahhad definittivament mis-sehem tieghu minn din il-proprjetà, jew minn sehemu mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali.

**<u>Ragunijiet ghat-Talbiet tar-rikorrenti</u>**

Il-kuntratt ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-5 ta' Jannar, 2004 huwa kuntratt simulat, ghaliex fuq dan il-kuntratt dehru l-intimati Annalise u Ronald Bugeja bl-intenzjoni cara illi, flimkien ma ommhom icahhdu lir-rikorrenti mid-drittijiet tieghu taht il-komunjoni tal-akkwisti.

Kagun ta' tali simulazzjoni ta' kuntratt, l-esponenti sofra danni billi tilef sehem spettanti lilu taht il-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalkemm l-intimati Ronald u Annalise Bugeja gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, anke permezz ta' ittra ufficjali, huma baqghu inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi u ghalhekk l-esponenti kellu jintavola l-kawza odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' bejgh u xiri ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-5 ta' Jannar, 2004, huwa null u bla effett peress illi simulat b'mod assolut u konsegwentement tordna t-thassir, rexissjoni u annullament tal-kuntratt ta' bejgh u xiri ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-5 ta' Jannar, 2004; jew

2. Alternattivament tiddikjara u tiddeciedi illi l-fond bl-indirizz 20, Desiderio, Flat 2, Triq il-Beribies, Zabbar inxtara mill-intimati Ronald Bugeja u Annalise bi flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn l-esponenti u martu, u dan minghajr il-kunsens tal-esponenti;

3. Tillilkwida d-danni sofferti mill-esponenti kagun l-agir tal-intimati Ronald u Annalise Bugeja; u

4. Tordna lill-intimati Ronald u Annalise Bugeja ihallsu lill-esponenti id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, minn issa ngunti in subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi:

It-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu konfermat li hemm proceduri ghas-separazzjoni bejn mart l-istess rikorrent u l-istess rikorrent li jigu l-genituri tal-intimati Ronald u Annalise ahwa Bugeja, fejn qed jirrizulta fl-istess proceduri li r-rikorrent qed jara kif jaghmel biex jivvessa lill-uliedu b’nofs veritajiet u akkuzi skorz l-attitudini xejn accettabbli minn naha tieghu fejn qed jipprova jisfoga l-attitudini tieghu fil-konfront anki ta’ uliedu.

*Di più* w minghajr pregudizzju r-rikorrent qed iqajjem hafna skuzi w diffikultajiet meta dak li sar kien bil-pjen konsapevolezza w approvazzjoni tieghu biex b’hekk qed iqajjem dawn id-diffikultajiet semplicement ghax ghaddejin minn proceduri ta’ separazzjoni. Qabel ma bdew dawn il-proceduri, l-istess rikorrent qatt ma semma xejn liema haga tikxef xejn hlief sens ta’ vendikazzjoni minn naha tieghu ibbazat fuq ragunar emottiv.

*Di più* ser jirrizulta li dak li sar kien sar bl-approvazzjoni tieghu biex b’hekk dawn il-proceduri huma xejn hlief proceduri ibbazati fuq spekulazzjoni liema haga hija riflessa anki fit-talbiet biex l-istess rikorrent ikompli jivvessa mhux biss lill-martu imma lill-uliedu stess li qed jigu imdeffsin fil-glieda li ghandu r-rikorrent ma’ martu u dan wara tant snin li ilhom li saru dawn it-trasferimenti bl-approvazzjoni tieghu.

*Di più* w minghajr pregudizzju ser jigi ippruvat li l-istess rikorrent kien ibbenefika hu stess biex b’hekk hu qed jipprova jirkeb iktar milli jisthoqqlu fid-dawl generali tas-sitwazzjoni meta ma jisthoqqlux.

*Di più* w minghajr pregudizzju hu kompletament michud u kontestat it-talba tieghu ghall-allegat danni.

Salv risposta/eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar, 2014 li permezz tieghu issejhet fil-kawza Mary Grace Bugeja.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Grace Bugeja li permezz taghha eccepiet illi:

It-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu konfermat li hemm proceduri ghas-separazzjoni bejn l-esponenta mart l-istess rikorrent u l-istess rikorrent li jigu l-genituri tal-intimati Ronald u Annalise ahwa Bugeja. Illi qed jirrizulta li permezz ta' dawn il-proceduri, r-rikorrent qed jara kif se jaghmel biex jivvessa mhux biss lill-uliedu imma wkoll l-esponenta martu b'nofs veritajiet u akkuzi skorz l-attitudini xejn accettabbli minn naha tieghu fejn qed jipprova jisfoga l-attitudini tieghu b'mod negattiv fil-konfront tal-esponenta w dan apparti mill-uliedu.

*Di più* w minghajr pregudizzju r-rikorrent qed iqajjem hafna skuzi u diffikultajiet meta dak li sar kien bil-pjen konsapevolezza u approvazzjoni tieghu biex b'hekk qed iqajjem dawn id-diffikultajiet semplicement ghax ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni. Illi hu opportun li jigi indikat li qabel ma bdew dawn il-proceduri, l-istess rikorrent qatt ma semma xejn liema haga tikxef xejn hlief sens ta' vendikazzjoni minn naha tieghu ibbazat fuq ragunar emottiv.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ser jirrizulta li dak li sar kien sar bl-approvazzjoni tieghu biex b'hekk dawn il-proceduri huma xejn hlief proceduri ibbazati fuq spekulazzjoni liema haga hija riflessa anki fit-talbiet li saru. Illi biex l-istess rikorrent ikompli jivvessa mhux biss lill-uliedu imma issa wkoll lill-martu, qed jirrizulta b'mod car li t-tfal qed jigi imdeffsin fil-glieda li ghandu r-rikorrent ma' martu u dan wara tant snin li ilhom li saru dawn it-trasferimenti bl-approvazzjoni tieghu stess.

*Di più* w minghajr pregudizzju ser jigi ppruvat li l-istess rikorrent kien ibbenefika hu stess biex b'hekk hu qed jipprova jirkeb iktar

milli jisthoqqlu fid-dawl generali tas-sitwazzjoni meta ma jisthoqqlux.

Minghajr pregudizzju hu kompletament michud u kontestat it-talba tieghu ghall-allegat danni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kaz.

Salv risposta/eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attur qiegħed jittenta jimpunja l-kuntratt ta' bejgħ bejn il-konvenuti Ronald u Annalise aħwa Bugeja u George u Emanuela konjuġi Borg, tal-5 ta' Jannar 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, peress illi jgħid illi dan il-kuntratt kien wieħed simulat stante li l-konvenuti aħwa Bugeja dehru fuq dan il-kuntratt bl-intenzjoni ċara li, flimkien ma ommhom l-imsejjħa fil-kawża, jippreġudikaw id-drittijiet tiegħu.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa missier il-konvenuti aħwa Bugeja. L-imsejħa fil-kawża hija omm il-konvenuti Bugeja. L-attur u l-imsejħa fil-kawża huma miżżewġin b'dan illi l-Qorti tal-Familja ppronunzjat is-separazzjoni personali bejniethom permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2018, u ċioè fil-mori ta' dawn proċeduri.

Permezz ta' kuntratt tas-7 ta' Jannar 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, l-konjuġi Bugeja kienu xtraw u akkwistaw mingħand l-Awtorità tad-Djar il-fond li dak iż-żmien kienu jgħixu fih bil-kera u ċioè il-flat bin-numru sitta (6), Blokk J, Ta' Ganza Housing Estate, Żejtun, għall-prezz sussidjat ta' Lm2,850. Dawn il-flus kien ħariġhom missier l-imsejħa fil-kawża. Permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Diċembru 2003, fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, il-konjuġi Bugeja biegħu dan il-fond għall-prezz ta' Lm28,000 u marru joqgħodu ma' omm l-imsejħa fil-kawża. Huma kellhom iħallsu lura 70% tas-sussidju

li kien tahom il-Gvern peress illi biegħu l-fond qabel għaxar snin minn meta akkwistawh.

Permezz ta' kuntratt pubbliku tal-5 ta' Jannar 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, il-konvenuti aħwa Bugeja xtraw u akkwistaw mingħand il-konvenuti konjuġi Borg il-flat fit-tielet sular (second floor) bla numru, fi Triq il-Beribies, Zabbar, qabel Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar, bil-prezz ta' Lm15,000.

Din il-kawża saret wara li l-attur intavola l-proċeduri għas-separazzjoni minn ma' martu quddiem il-Qorti tal-Familja għaliex jgħid illi sar jaf illi kienu l-konvenuti uliedu li dehru fuq il-kuntratt ta' xiri u bejgħ tal-fond ta' Ħaż-Żabbar u li biex xtraw din il-proprjetà huma ħallsu bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn l-attur u l-imsejjħa fil-kawża. L-attur jgħid illi ma kienx ta l-kunsens tiegħu sabiex il-proprjetà tinxtara f'isem uliedu u li allura qiegħed jippretendi li jew jitħassar il-kuntratt jew illi l-Qorti tiddikjara li l-fond inxtara bil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti mingħajr il-kunsens tiegħu. Konsegwentement, qiegħed jitlob likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Il-konvenuti u l-imsejħa fil-kawża jeċċepixxu li mhuwiex minnu li l-attur ma kienx jaf illi uliedu kienu ser jakkwistaw il-proprjetà ta' Ħaż-Żabbar f'isimhom u li fil-fatt dan kien sar bl-approvazzjoni tiegħu tant illi kien ibbenifika hu stess minn dan il-bejgħ u li għalhekk ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

Mhux kontestat mill-partijiet li:

1. Il-flus sabiex il-konvenuti Bugeja akkwistaw il-fond ta' Ħaż-Zabbar kienu rikavati mill-bejgħ tal-post taż-Żejtun u li kienet l-imsejħa fil-kawża li għaddiet dawn il-flus lil uliedha;

2. Il-flus sabiex il-konjuġi Bugeja xtraw il-fond taż-Żejtun kienu ġew mingħand missier l-imsejħa fil-kawża; u

3. L-attur kien mar jgħix flimkien ma' martu u wliedu fil-fond ta' Ħaż-Żabbar wara li akkwistawh uliedu u għamel numru ta' snin jgħix hemm qabel telaq jew tkeċċa u sussegwentement fetaħ kawża għas-separazzjoni u din il-kawza.

Il-Qorti tibda billi tindirizza l-ewwel talba tal-attur għal dikjarazzjoni li l-kuntratt tal-5 ta' Jannar 2004 huwa null u mingħajr effett stante li simulat b'mod assolut.

Il-Qorti tqis illi sabiex att jiġi dikjarat simulat, irid jiġi ppruvat fil-każ ta' simulazzjoni assoluta illi l-partijiet kontraenti ma riedu jersqu għall-ebda kuntratt, jew fil-każ ta' simulazzjoni relattiva illi riedu jagħmlu att ieħor u mhux dak li effettivament iddikjaraw fl-att. Fis-sentenza li tat fil-15 ta' Jannar 1945 fil-kawża fl-ismijiet Oscar Sammut noe vs Antonio Ellul, il-Qorti tal-Appell kienet qalet hekk:

> "*Illi att ghandu jkun ritenut simulat meta bil-volontà tal-persuni li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. 'Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus expresse aliud simulamus'. (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista' tkun assoluta jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku jew relattiva jew parzjali, bhal meta jigi konkiuz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu….Illi dina l-Qorti bis-sentenza ta' l-20 ta' Mejju 1932 in re 'Schembri vs Schembri', sostniet li fil-kazi li kuntratti jigu attakkati bhala simulati, anki meta jkunu atti b'titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha; u kompliet tghid li 'ciò si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti.' B'sentenza ohra ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ottubru 1933 in re Bugeja vs Busuttil gie stabilit li biex tigi ppruvata s-simulazzjoni frawdolenti 'bastano anche le presunzioni e le congetture, purchè esse sieno gravi, precise e concordanti, e non contradette da altre presunzioni ed inidzi.' U b'sentenza ohra ta' din l-istess Qorti tad-29 ta' Jannar 1932 in re 'Galizia nomine vs. Cuschieri' gie ritenut li fi-gudizzju ta' simulazzjoni 'si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione.'*"

Kull att jew skrittura hija preżunta li tirrifletti l-volontà tal-partijiet. Għalhekk sabiex tirnexxi azzjoni ta' simulazzjoni, l-atturi jridu jippruvaw b'mod konklussiv illi l-intenzjoni u l-

kunsens tal-partijiet kien li joħolqu att simulat. L-oneru tal-prova tas-simulazzjoni jinkombi fuq min qed jallega s-simulazzjoni.

Fid-deċiżjoni li tat fil-5 ta' Ottubru 2010 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono et vs Kan. Dekan Francesco Camilleri noe et, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

> *"il-gurisprudenza lokali hija konkordi illi s-simulazzjoni ghandha tigi provata minn min jallegaha, u l-provi jridu jkunu perswazivi u konkludenti. Izda dan il-principju ghandu jigi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fidi akbar li l-ligi tirriponi fuqhom."*

Dan l-oneru huwa aktar gravuż fil-każ ta' att pubbliku minħabba l-preżunzjoni applikabbli favur atti pubbliċi. Fis-sentenza li tat fil-5 ta' Diċembru 1953 fil-kawża Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrilevat illi:

> *"Hu ormai maghruf li s-simulazzjoni hija forma ta' frodi (Kollez. XXXII-II-392); u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta' frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni ta' sincerità u tar-realtà. Ghalhekk min irid iwaqqa' din il-prezunzjoni jisthoqqlu jgib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata."*

Sabiex tigi ppruvata s-simulazzjoni, l-provi jridu jkunu preċiżi, gravi u konkordanti (ara Kollez. Vol. XXXVII.259). Is-simulazzjoni tista' tiġi pruvata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta' preżunzjonijiet u konġetturi, purché dawn ikunu gravi, preċiżi u konkludenti, u mhux kontradetti minn presunzjonijiet u indizji oħra (ara d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet P.L. Ettore Caruana Scicluna vs Neg. Ugo Pace et, tas-7 ta' Frar 1949 u Vassallo vs Vassallo, tat-28 ta' Frar 1995).

Finalment, trid issir ukoll il-prova li kien hemm kollużjoni taż-żewġ kontraenti u mhux ta' kontraent wieħed biss. Fis-sentenza pronunzjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar 2017 fil-kawża fl-ismijiet Adrian Muscat vs Emilio Agius et,

kienet trattata d-distinzjoni bejn l-azzjoni ta' simulazzjoni u l-azzjoni dwar frodi, żball u vizzju tal-kunsens. Ingħad hekk:

> *"Inoltre s-simulazzjoni tinnecessita l-kolluzjoni taz-zewg kontraenti u mhux ta' kuntraent wiehed biss. Fis-simulazzjoni ma jistax ikollok parti li taghti l-kunsens dwar in-negozju li verament trid u l-parti l-ohra tissimula l-kunsens ghax tkun trid negozju iehor differenti (Spiteri Debono vs Spiteri Debono u Galea vs Borg fuq menzjonanti)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, din il-Qorti ssib illi l-attur ma rnexxielux juri ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, li l-kuntratt in kwistjoni kien wieħed simulat. L-attur lanqas biss ressaq lill-vendituri fuq dak il-kuntratt, il-konvenuti George u Emanuela Borg, sabiex jixhdu u wisq inqas wera li l-kunsens tagħhom kien b'xi mod simulat, kif lanqas ma wera li l-kunsens ta' wliedu kien simulat. Mill-provi rriżulta li l-konvenuti verament riedu jidħlu f'kuntratt ta' xiri u bejgħ tal-proprjetà in kwistjoni. Minn fejn ġew il-flus sabiex tħallas il-prezz tal-bejgħ ma huwa ta' ebda rilevanza f'dan il-kuntest.

Il-Qorti ghaddiet biex tqis it-talba alternattiva għal dikjarazzjoni li l-fond in kwistjoni inxtara mill-konvenuti Bugeja bil-flus tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn l-attur u l-imsejħa fil-kawża mingħajr il-kunsens tal-attur.

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, il-Qorti tqis illi l-attur ma rnexxilux jikkonvinċiha minn dak li qiegħed jallega. L-ewwel u qabel kollox il-Qorti ma temminx li kienet l-imsejħa fil-kawża li waqfitu milli jmur magħhom għand in-Nutar dakinhar illi ġie ppubblikat il-kuntratt. Kieku sar hekk, seta' dejjem ifittex parir legali minnufih sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu.

Il-Qorti ma temminx lanqas illi l-attur qatt kien minghalih illi l-fond ser jakkwistawh hu u martu. Fl-affidavit tiegħu l-attur jgħid illi *'sar jaf wara'* li l-imsejħa fil-kawża kienet ħallset għall-fond ta' Ħaż-Żabbar bil-flus tal-komunjoni u li fuq il-kuntratt dehru uliedu bħala xerrejja. Iżda mhuwiex verosimili li l-attur, li għamel sentejn u fuqhom jgħix f'dan il-fond, ma kienx jaf ta' min hu. Fuq kollox, l-attur jikkontradixxi lilu nnifsu meta mistoqsi in

kontro eżami għalxiex kienu sejrin għand in-Nutar dakinhar peress illi wieġeb, '*biex nittrasferixxu l-post ta' Żabbar fuq it-tfal*'.

Dwar il-flus sabiex tħallas il-prezz tal-fond, il-konvenuti ma ġabu l-ebda prova li dawn il-flus kienu provenjenti minn xi wirt. L-imsejħa fil-kawża fil-fatt xehdet illi r-rikavat mill-bejgħ tal-fond taż-Żejtun kienet għaddietu lit-tfal. Il-konvenut Ronald Bugeja ukoll xehed illi l-flus kienu ġew mil-bejgħ tal-fond taż-Żejtun.

Stabbilit illi il-fond ta' Ħaż-Żabbar tħallas mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attur xorta waħda naqas milli jikkonvinċi lill-Qorti li ma kienx ta l-kunsens tiegħu sabiex b'dawk il-flus jiġi akkwistat il-fond f'isem it-tfal.

Din il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-attur la hija kredibbli u lanqas verosimili. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Familja fid-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Ottubru 2018 meta ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Bugeja fejn qalet proprju hekk:

> "*...Jirrizulta wkoll illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, huwa kien jaf illi l-post ta' Haz-Zabbar kien ser jinxtara mir-rikavat tal-bejgh tal-fond taz-Zejtun u li kien ser jinxtara direttament f'isem iz-zewg ulied tal-partijiet. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-attur illi ghalkemm kien jaf li martu u uliedu kienu sejrin ghand in-nutar huwa ma kienx jaf martu u uliedu x'kienu sejrin jaghmlu. Mhux verosimili illi ma kienx jaf li sejrin jixtru proprjetà meta ammetta li kien jaf li sejrin ghand Nutar tant li xehed li ma marx maghhom ghaliex martu qaltlu li m'ghandux ghalfejn imur.*
>
> *Il-fatt illi wara li l-fond ta' Haz-Zabbar inxtara f'isem it-tfal, l-attur ghamel ta' lanqas tlett snin jghix f'tali fond meta kien jaf li ma inxtarax f'ismu huwa prova, almenu sal-livell ta' probabilità, illi l-attur kien jaf li l-fond inxtara mill-fondi li rcevew mill-bejgh tal-fond taz-Zejtun u li kien inxtara f'isem l-ulied. Tant hu hekk li l-istess attur jixhed kif f'dawk is-snin martu kienet tghidlu li hemm m'ghandu xejn.*

*Ghalhekk mhux minnu dak li xehed l-attur illi kien biss matul din il-kawza li sar jaf li l-post ta' Haz-Zabbar inxtara f'isem it-tfal u mhux f'ismu u martu.*

*Fil-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu somma ekwivalenti ghal nofs ir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-post taz-Zejtun. Il-Qorti ma tqisx li tali talba hija fondata. Kif deciz supra, il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur kien konsapevoli illi l-fond ta' Haz-Zabbar kien ser jinxtara permezz tal-fondi li l-partijiet ircevew meta bieghu il-fond taz-Zejtun.*

*Irid ukoll jinghad illi ghandu mis-sewwa dak li jsostni l-attur illi r-rikavat mill-bejgh tal-fond taz-Zejtun jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Ghalkemm l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu nofs l-ammont tar-rikavat mill-fond taz-Zejtun, tali talba wkoll mhiex fondata u dan ghaliex jirrizulta mill-provi illi l-attur kien jaf li dawk il-flus kienu ser jintuzaw sabiex jinxtara l-fond ta' Haz-Zabbar u li allura ma baqghux fil-pussess tal-konvenuta. Dan, fil-fehma tal-Qorti, sar bil-kunsens tal-attur ghaliex kien jaf li martu kienet ser tuza r-rikavat tal-bejgh tal-fond taz-Zejtun sabiex jinxtara l-fond ta' Haz-Zabbar f'isem iz-zewg ulied."*

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Familja u hija aktar disposta temmen il-verżjoni tal-konvenuti u tal-imsejħa fil-kawża li l-attur kien jaf eżattament x'kien qiegħed jiġri u kien biss meta telaq jew tkeċċa mill-fond li kellu ripensament għaliex kien f'dak l-istadju li beda jifhem il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-Qorti tinnota wkoll illi in kontro eżami l-attur jammetti li huwa għamel din il-kawża minħabba l-aġir ta' martu fil-konfront tiegħu tul il-ħajja miżżewġa.

Mix-xhieda tal-konvenuti Bugeja, li ma ġietx kontrodetta jew kontro eżaminata, jirriżulta li l-attur ma kienx jieħu interess fl-amministrazzjoni tal-flus tal-familja. Kien jonfoq kull sold illi jaqla', anke l-flus li kellhom jintużaw għall-bżonnijiet ta' familja. Issa jidher illi qieghed ibati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta'

diliġenza u prudenza li wera fl-amministrazzjoni tal-beni tal-komunjoni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG